

Gwida tal-PIC elettroniku tal-utenti għad-Dwana

X'inhu RIN?

RIN huwa identifikatur uniku, assoċjat mal-esportazzjonijiet kollha li huma ġġestiti fi ħdan is-sistema tal-PIC elettroniku. RIN huwa identifikatur alfanumeriku ta' 10 ċifri. Il-perjodu ta' validità għal RIN jista' jkun sa sena kalendarja waħda u r-RINs kollha jiskadu fil-31 ta' Diċembru tas-sena tal-esportazzjoni. F'każ li l-esportatur ikun jixtieq jesporta l-istess sustanza lill-istess pajjiż tal-importazzjoni fis-sena segwenti, huwa meħtieġ RIN ġdid.

Matul il-perjodu ta' validità tar-RIN, esportatur jista' jesporta s-sustanza/t-taħlita/l-oġġett rilevanti lill-pajjiż definit tal-importazzjoni diversi drabi (jiġifieri r-RIN mhuwiex għal konsenja speċifika waħda iżda għal perjodu ta' żmien), sakemm ikunu sodisfati r-rekwiżiti legali kollha.

Minn perspettiva doganali, ir-RIN jista' jkollu żewġ status differenti: "Export allowed" [Esportazzjoni permessa] jew "Export not allowed" [Esportazzjoni mhux permessa].

Tip ta' Notifika


Huwa meħtieġ RIN attiv sabiex isseħħ esportazzjoni ta' sustanza kimika/ taħlita/oġġett soġġett/a għal dan ir-regolament. L-esportaturi jistgħu japplikaw għal RIN taħt żewġ ċirkostanzi, distinti li ser jiġu identifikati fil-paġna tar-riżultati mill-informazzjoni dwar it-"Tip ta' notifika":

- "Notifika tal-esportazzjoni" hija l-każ l-iktar komuni. Il-kwantitajiet li jitħallew jiġu trasbordati taħt dan it-tip ta' RIN mhumiex limitati - mill-perspettiva tal-UE. RIN għal notifika tal-esportazzjoni dejjem jibda b' "1".
- "RIN speċjali" jidentifika l-esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi PIC li (għal diversi raġunijiet) mhumiex soġġetti għal notifika tal-esportazzjoni iżda xorta jeħtieġu RIN biex jiffaċilitaw il-proċessi doganali. RIN Speċjali dejjem jibda b' "0".

Kif taċċessa PIC elettroniku u tirkupra data dwar l-esportazzjonijiet

Hekk kif l-utent jasal fl-interfaċċja doganali għal PIC elettroniku, hu/hi jsib/ issib il-paġna prinċipali tal-applikazzjoni (Figura 1). Din tikkonsisti f'żewġ blokko prinċipali: il-menu fuq ix-xellug u ż-żona biex tirkupra u turi data li tkun relatata mal-esportazzjoni.

Figura 1: Paġna Prinċipali tal-PIC elettroniku għad-Dwana




The screenshot shows the 'ePIC Customs Application' interface. On the left is a dark blue sidebar with the ePIC logo and three menu items: 'List of PIC chemicals', 'List of DNA contacts', and 'ECHA Helpdesk'. The main content area is white and titled 'ePIC Customs Application'. Below the title is a section 'Check RIN' with the instruction 'Please fill-in both fields below and press check'. There are two input fields: '* RIN:' (a text box) and '* Importing country:' (a dropdown menu with 'Please select...' text). At the bottom of the form are two buttons: 'Check' (with a checkmark icon) and 'Clear' (with an eraser icon).

Il-menu fuq ix-xellug fih links li jistgħu jkunu utli għall-uffiċjali doganali:

- Lista ta' sustanzi kimiċi soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 649/2012 (Regolament PIC)
- Lista ta' kuntatti għall-Awtoritajiet Nazzjonali Deżinjati tal-UE (DNA) - f'każ li tkun meħtieġa xi kjarifika addizzjonali dwar l-esportazzjoni
- Link biex tikkuntattja lill-Uffiċċju tal-Infurmazzjoni tal-ECHA - f'każ ta' xi kwisitjoni teknika bl-applikazzjoni

Sabiex tirkupra data dwar jekk l-esportazzjoni tistax isseħħ jew le, l-uffiċjal doganali għandu jdaħħal ir-RIN (li għandu jkun disponibbli fil-Kaxxa 44 tal-SAD - Dokument Singolu Amministrattiv) u jagħżel il-pajjiż destinatari finali ta' trasbord mil-lista vertikali (Figura 2).

Figura 2: Iskrizzjoni ta-Data



Meta jimtlew iż-żewġ taqsimiet, l-utent għandu jikklikkja fuq il-buttuna "Check" (Ikkontrolla) biex jirkupra d-data. L-eżitu tat-tfittxija jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

1. **RIN huwa attiv u tista' sseħħ l-esportazzjoni.** Il-messaġġ "Export allowed" [Esportazzjoni permessa] jiġi jidher flimkien mad-data li ġejja:
 - a. Tip ta' notifika
 - b. Perjodu ta' validità tal-esportazzjoni
 - c. Isem kimiku
 - d. Identifikaturi numeriċi għas-sustanza kimika (Kodiċijiet KE/CAS/CUS/CN) – skont id-disponibbiltà tagħhom
 - e. Dettalji ta' kuntatt tal-esportatur
 - f. Data ta' esportazzjoni mistennija
 - g. Pajjiż li jimporta
 - h. Stat Membru tal-UE li jesporta

Figura 3: Esportazzjoni permessa

RIN :	1JWFI0C3M9
Export type :	Export notification
Export status :	✓ Export allowed
Period allowed :	02/10/2014 - 31/12/2014
Chemical name :	2-aminobutane
EC number :	237-732-7
CAS number :	13952-84-6
CUS code :	
CN code :	2921 19 99
Exporter :	
Name :	Exporter1
Address :	Annankatu 00150 Tallin Estonia
Telephone :	+4545644654
Fax :	
E-mail :	epic-test@echa.europa.eu
Expected date of export :	22/11/2014
Importing country :	India
Exporting Member State :	Estonia

2. **RIN mhuwiex attiv u l-esportazzjoni ma tistax isseħħ.** Il-messaġġ "Export not allowed" [Esportazzjoni mhux permessa] jiġi jidher flimkien mad-data li ġejja:
- Tip ta' esportazzjoni
 - Isem kimiku
 - Identifikaturi numeriċi għas-sustanza kimika (Kodiċijiet KE/CAS/CUS/CN) – skont id-disponibbiltà tagħhom
 - Dettalji ta' kuntatt tal-esportatur
 - Data ta' esportazzjoni mistennija
 - Pajjiż li jimporta
 - Stat Membru tal-UE li jesporta

Figura 4: Esportazzjoni mhux permessa

RIN :	1VNMAKF6NI
Export type :	Export notification
Export status :	✘ Export not allowed
Period allowed :	
Chemical name :	1,2-dibromoethane (EDB)
EC number :	203-444-5
CAS number :	106-93-4
CUS code :	
CN code :	2903 31 00
Exporter :	
 Name :	Exporter1
 Address :	Annankatu 00150 Tallin Estonia
 Telephone :	+4545644654
 Fax :	
 E-mail :	epic-test@echa.europa.eu
Expected date of export :	22/11/2014
Importing country :	Russian Federation
Exporting Member State :	Estonia

3. **Il-kombinazzjoni tad-data iskritta mhijiex korretta.** Jekk il-kombinazzjoni tad-data iskritta ma tirreferi għal ebda kombinazzjoni eżistenti ta' RIN + pajjiż li jimporta, jiġi jidher il-messaġġ ta' żball li ġej: "RIN and/or importing country not found" [RIN u/jew il-pajjiż li jimporta mhux misjuba].